Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,818, 20 ta' Lulju, 1999
Taqsima B

A.L. 124 ta' l-1999

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-1999 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxa fuq l-*Income*) (Renju tad-Danimarka)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1999 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Renju tad-Danimarka).

Arranġamenti jkollhom sehh.

2. Qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat: —

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni ġew magħmula mal-Gvern tar-Renju tad-Danimarka sabiex jingħata helsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin stabbiliti bil-liġijiet tar-Renju tad-Danimarka:

(i) it-taxxa fuq l-*income* lill-Istat;

(ii) it-taxxa fuq l-*income* lill-muniċipji;

(iii) it-taxxa fuq l-*income* lill-muniċipji tal-kontej;

(iv) taxxi imposti taħt l-Att dwar Taxxa fuq l-Idrokarburi;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-30 ta' Diċembru, 1998.

SKEDA

FTEHIM
BEJN IL-GVERN TAR-RENJU TAD-DANIMARKA U
L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA
GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA
U BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI
DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

Il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-Ħelsien minn Taxxa Doppja u biex Tiġi Evitata Evażjoni Fiskali Dwar Taxxi fuq l-*Income,* ftehmu kif ġej:

ARTIKLU 1

Għan Personali

Dan il-Ftehim għandu japplika għall-persuni li huma residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn.

ARTIKLU 2

Taxxi Koperti

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti jew l-oqsma politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* dawk it-taxxi kollha li jiġu imposti fuq *income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq kull qligħ li jsir mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli, taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi jew salarji mħallsa minn impriżi, kif ukoll taxxi fuq apprezzament kapitali.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika l-Ftehim huma:

(a) Fid-Danimarka:

(i) it-taxxa fuq l-*income* lill-Istat (indkomsskatten til staten);

(ii) it-taxxa fuq l-*income* lill-muniċipji (den kommunale indkomstskat);

(iii) it-taxxa fuq l-*income* lill-muniċipji tal-kontej (den amtskommunale indkomstskat);

(iv) taxxi imposti taħt l-Att dwar Taxxa fuq l-Idrokarburi (skatter i henhold til kulbrinteskatteloven);
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tad-Danimarka");

(b) F'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*,
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa bħalhom jew li sostanzjalment tixbaħhom li tiġi imposta wara d-data tal-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet tagħhom rispettivi li jirrigwardaw it-taxxa.

ARTIKLU 3

Tifsiriet Ġenerali

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru, skond ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem, id-Danimarka jew Malta;

(b) il-frażi "Danimarka" tfisser ir-Renju tad-Danimarka inkluża kull area 'l barra mill-baħar territorjali tad-Danimarka li skond id-dritt internazzjonali jkun ġie jew jista' minn issa 'l quddiem jiġi mqsemmi taħt il-liġijiet tad-Danimarka bħala area li ġewwa fiha id-Danimarka tista' teżerċita drittijiet sovrani għar-rigward ta' l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali ta' qiegħ il-baħar jew tas-sottoswol u l-ibħra sovrajaċenti u dwar kull attività oħra għall-esplorazzjoni u għall-esplojtazzjoni ekonomika ta' l-area; il-frażi ma' tinkludix il-Gżejjer Faroe u Greenland;

(ċ) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti, flimkien ma' l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, tas-sottoswol u tal-kolonna ta' baħar sovrajaċenti li qegħda adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn ir- Repubblika ta' Malta teżerċita fuqhom drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll skond id-dritt internazzjonali u d-dritt nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha dwar l-esplorazzjoni tal-Blata Kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ieħor ta' persuni;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull għaqda korporata jew kull enti li titqies bħala għaqda korporata għall-finijiet ta' taxxa;

(f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża li titmexxa minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża li titmexxa minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(ġ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport b'bastiment jew b'inġenji ta' l-ajru imħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, barra minn meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jkunu mħaddma biss bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(h) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fid-Danimarka:

il-Ministru għat-Tassazzjoni jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(ii) f'Malta:

il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(i) il-frażi "nazzjonali" tfisser:

(i) individwu li jkun ċittadin ta' Stat Kontraenti;

(ii) persuna legali, soċjetà jew assoċjazzjoni li jikseb l-istatus tiegħu hekk mill-liġijiet li jkunu fis-seħħ fi Stat Kontraenti.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull żmien li jkun minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha l-istess tifsir kif mogħti lilha f'dak iż-żmien taħt il-liġi ta' dak l-Istat għall-finijiet tat-taxxi li l-Ftehim japplika għalihom, b'dan illi xi tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa applikabbli f'dak l-Istat tkun tipprevali fuq tifsira mogħtija lill-frażi taħt il-liġijiet l-oħra ta' dak l-Istat.

ARTIKLU 4

Residenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, hija suġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, ir-residenza, post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta bħal din u tinkludi wkoll dak l-Istat u kull qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu.

Madankollu, din il-frażi ma tinkludix lil persuna li tkun suġġetta għat-taxxa għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat.

2. Fejn minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istat tiegħu għandu jiġi determinat kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat biss li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li huwa residenti ta' l-Istat li miegħu ir-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interess vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interess vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti fl-ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa s-soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat biss li tiegħu jkun nazzjonali;

(d) jekk huwa jkun nazzjonali taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

3. Meta minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti ta' l-Istat biss fejn ikun jinsab il-post effettiv tal-maniġġ tagħha.

ARTIKLU 5

Stabbiliment Permanenti

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għal kollox jew f'parti x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol; u

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Il-frażi "stabbiliment permanenti" bl-istess mod ħaddan art li tkun qegħda tinbena, proġett ta' kostruzzjoni, assemblaġġ jew stallazzjoni jew attivitajiet superviżorji li għandhom x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dik l-art, proġett jew attivitajiet ikomplu għal perijodu ta' iktar minn sitt xhur.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkun proprjetà ta' l-impriża;

(b) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim;

(ċ) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss li tagħmel, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) il-manutenzjoni ta' post tan-negozju fiss unikament għal kombinazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija fis-subparagrafu (a) sa (e), kemm-il darba l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljari.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna — li ma tkunx aġent ta' status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 6 — taġixxi għan-nom ta' impriża u għandha, u soltu twettaq fi Stat Kontraenti awtorità li tikkonkludi kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li għandha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat dwar kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 li, jekk jiġu eżerċitati minn post tan-negozju fiss, ma jirrendux lil dan il-post tan-negozju fiss stabbiliment permanenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti għaliex biss tmexxi negozju f'dak l-Istat permezz ta' sensal, aġent ġenerali b'kummissjoni jew xi aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tmexxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi xi waħda mill-kumpanniji bħala stabbiliment permanenti ta' l-oħra.

ARTIKLU 6

Income minn Proprjetà Immobiljari

1. *Income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobiljari (inkluż *income* minn xogħol fl-agrikoltura jew fil-boskijiet) sitwata fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobiljari" għandu jkollha l-istess tifsir li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih il-proprjetà li tkun hija sitwata. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobiljari, bhejjem u tagħmir użat fl-agrikoltura u fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar proprjetà terrena, użufrutt ta' proprjetà immobiljari u drittijiet għal ħlasijiet li jvarjaw jew fissi bħala kumpens għall-ħdim ta', jew għall-jedd li jinħadmu, jew li jiġu esplorati depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobiljari.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xort'oħra ta' proprjetà immobiljari.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobiljari ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobiljari li tkun użata għall-qadi ta' servizzi personali indipendenti.

ARTIKLU 7

Profitti minn Negozju

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tmexxi negozju kif imsemmi qabel, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss dik il-parti minnhom li tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti f'kull Stat Kontraenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-

istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għal kollox mill-impriża li tagħha hija stabbiliment permanenti.

3. Biex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet tal-istabbiliment permanenti, magħduda l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jsiru, sew fl-Istat li fih ikun hemm l-istabbiliment permanenti sew jekk ikunu saru band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti fuq il-bażi ta' tqassim tal-profitti kollha ta' l-impriża lill-ishma diversi tagħha, ebda ħaġa li hemm fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lill-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati wara dak it-tqassim kif tkun il-konswetudni; iżda l-metodu tat-tqassim għandu jsir b'dak il-mod li r-riżultat ikun konsistenti mal-prinċipji ta' dan l-Artiklu.

5. Ma għandhom jiġu attribwiti ebda profitti lil stabbiliment permanenti minħabba biss ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess mod minn sena għal sena kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u biżżejjed biex isir kuntrarju.

7. Meta profitti jinkludu oġġetti ta' *income* li qed jiġu trattati separatament f'artikli oħra ta' dan il-Ftehim, allura d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma jkunux milquta bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu.

ARTIKLU 8

Trasport bil-Baħar u bl-Ajru

1. Il-profitti miksuba minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastiment u inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat.

2. Il-profitti miksuba minn impriża ta' Stat Kontraenti mill-użu, *demurrage,* jew kiri ta' *containers* (inklużi *trailers,* barkuni jew tagħmir relatat mat-trasport ta' *containers*) użati għat-trasport ta' oġġetti jew merkanzija għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat, ħlief meta dawk il-*containers, trailers,* barkuni u tagħmir relatat jintużaw għal trasport unikament bejn postijiet li jkunu ġewwa l-Istat Kontraenti l-ieħor.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu japplikaw ukoll għal profitti mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija operattiva internazzjonali.

4. Għar-rigward ta' profitti miksuba mill-*consortium* tat-trasport bl-ajru tad-Danimarka, Norveġja u Svezja, magħrufa bħala Scandinavian Airlines System (SAS), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom ikunu japplikaw biss għal dak il-proporzjon mill-profitti li jikkorrispondi għall-parteċipazzjoni f'dak il-*consortium* minn SAS Danmark A/S, li hi s-soċju Daniża ta' Scandinavian Airlines System.

ARTIKLU 9

Impriżi Assoċjati

1. Meta —

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ jiġu magħmula jew imposti kundizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji ta' bejniethom li ma jaqblux ma' dawk li kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ profitti li, kieku ma kinux dawk il-kundizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda minħabba dawk il-kundizzjonijiet ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat — u jintaxxa skond hekk — profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk magħduda jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat imsemmi kieku l-kundizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, allura dak l-Istat l-ieħor għandu jagħmel it-tibdil xieraq fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit it-tibdil, għandu jittieħed qies xieraq tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk iħossu l-bżonn jikkonsultaw lil xulxin.

ARTIKLU 10

Dividendi

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' Stat Kontraenti ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Iżda, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istati Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija li tkun residenti fid-Danimarka lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa tad-Danimarka hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn:

(i) 0 fil-mija mill-ammont gross ta' dividendi jekk is-sid benefiċjarju jkun kumpannija (li ma tkunx soċjetà) li jkollha u kellha mill-anqas 25 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qegħda tħallas id-dividendi għal perijodu ta' tnax-il xahar qabel id-data meta jiġu ddikjarati d-dividendi;

(ii) 15 fil-mija mill-ammont gross tad-dividendi f'kull każ ieħor;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti f'Malta lil residenti tad-Danimarka li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi ma għandhiex tkun iżjed minn dik li għandha titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom permezz ta' ftehim reċiproku jistabbilixxu x'ikun il-mod ta' applikazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet.

Dan il-paragrafu ma jolqotx it-tassazzjoni ta' kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

3. Il-frażi "dividendi" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma jew jeddijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet debitriċi, parteċipazzjoni fi profitti, kif ukoll *income* minn jeddijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament fit-taxxa bħalma jingħata lil *income* minn ishma bil-liġijiet ta' l-Istat li tiegħu l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim tkun residenti.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor, li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizz personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief meta dividendi bħal dawn jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew safejn il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu x'jaqsam effettivament ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilit sitwat f'dak l-Istat l-

ieħor, jew jissuġġetta l-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija, anki jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux distribwiti jikkonsistu f'kollox jew f'parti minnhom minn profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

6. Meta Stat Kontraenti jkun ġabar it-taxxa minn ras il-għajn iktar mill-ammont ta' taxxa li kellha tinġabar taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, l-applikazzjoni għall-ħlas lura ta' l-ammont żejjed miġbur għandha ssir quddiem l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat fi żmien erba' snin wara tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun inġabret dik it-taxxa. Il-ħlas lura għandu jingħata fi żmien perijodu ta' sitt xhur mid-data meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni quddiem l-awtorità kompetenti. Dak il-perijodu ta' sitt xhur jista' jittawwal jekk iż-żewġ Stati Kontraenti flimkien jiftehmu li d-dokumentazzjoni meħtieġa ma tkunx ġiet ippreżentata lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

7. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu ma għandhomx japplikaw li kieku l-għan ewlieni jew wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' xi persuna li jkollha x'taqsam mal-ħolqien jew assenjament ta' ishma jew drittijiet oħra li dwarhom jitħallas id-dividend, ikun li jittieħed vantaġġ minn dan l-Artiklu permezz ta' dak il-ħolqien jew assenjament.

Jekk jiġi li residenti ta' Stat Kontraenti jiġi miċħud minn ħelsien mit-tassazzjoni fl-Istat Kontraenti l-ieħor minħabba fid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat l-ieħor għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

ARTIKLU 11

Mgħax

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju ta' dak l-imgħax.

2. Il-frażi "mgħax" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn drittijiet għal dejn ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le, u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn *securities* tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet marbutin ma' dawk is-*securities, bonds* jew *debentures*. Il-penalitajiet għal ħlas tardiv ma għandhomx jitqiesu bħala mgħax għall-għanijiet ta' dan l-Artiklu.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak l-Istat l-ieħor minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt għal dejn li dwaru jitħallas l-imgħax ikollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit.

F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

4. Meta minħabba relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax, wara li titqies xi tkun it-talba debitriċi li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meqjusa b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu ma għandhomx japplikaw li kieku l-għan ewlieni jew wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' xi persuna li jkollha x'taqsam mal-ħolqien jew assenjament tat-talba dwar debitu li għar-rigward tiegħu l-imgħax jitħallas ikun li jittieħed vantaġġ minn dan l-Artiklu permezz ta' dak il-ħolqien jew assenjament.

Jekk jiġri li residenti ta' Stat Kontraenti jiġi miċħud minn ħelsien mit-tassazzjoni fl-Istat Kontraenti l-ieħor minħabba fid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat l-ieħor għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

ARTIKLU 12

Royalties

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat l-ieħor jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju ta' dawk ir-*royalties*.

2. Il-frażi *"royalties"* kif użata f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru bħala kumpens għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull *copyright*, ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi, kull invenzjoni, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigriet, jew għal informazzjoni dwar esperjenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jinqalgħu permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qed jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarha jitħallsu r-*royalties* ikollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dak il-bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ, għandhom japplikaw.

4. Meta minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom stess u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties,* wara li jitqies xi jkun l-użu, il-jedd jew l-informazzjoni li dwarhom jitħallsu, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu ma għandhomx japplikaw li kieku l-għan ewlieni jew wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' xi persuna li jkollha x'taqsam mal-ħolqien jew assenjament tal-jeddijiet li għar-rigward tagħhom jitħallsu r-*royalties* ikun li jittieħed vantaġġ minn dan l-Artiklu permezz ta' dak il-ħolqien jew assenjament.

Jekk jiġri li residenti ta' Stat Kontraenti jiġi miċħud minn ħelsien mit-tassazzjoni fl-Istat Kontraenti l-ieħor minħabba fid-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat l-ieħor għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

ARTIKLU 13

Qligħ Kapitali

1. Kull qligħ miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli msemmija fl-Artiklu 6 u li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Kull qligħ mit-trasferiment ta' ishma jew interessi komparabbli f'kumpannija li l-assi tagħhom ikunu direttament jew indirettament prinċipalment jikkonsistu fi proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Kontraenti tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat.

3. Kull qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi fissa lil residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi fissa, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

4. Kull qligħ miksub minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru imħaddma fi traffiku internazzjonali jew proprjetà immobbli li tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru, għandu jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat.

5. Kull qligħ miksub minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' *containers* (inklużi *trailers*, barkuni u tagħmir relatat għat-trasport ta' *containers*) użati għat-trasport ta' oġġetti u merkanzija għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat, ħlief meta dawk il-*containers*, *trailers*, barkuni u tagħmir relatat jintużaw għal trasport unikament bejn postijiet li jkunu ġewwa l-Istat Kontraenti l-ieħor.

6. Kull qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1, 2, 3, 4 u 5, għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li fih ikun residenti min jittrasferixxi.

7. Għar-rigward ta' kull qligħ miksub mill-*consortium* tat-trasport bl-ajru tad-Danimarka, Norveġja u Svezja, magħrufa bħala Scandinavian Airlines System (SAS), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 għandhom ikunu japplikaw biss għal dak il-proporzjon ta' kull qligħ li jikkorrispondi għall-parteċipazzjoni f'dak il-*consortium* minn SAS Danmark A/S, li hi s-soċju Daniża ta' Scandinavian Airlines System.

ARTIKLU 14

Servizzi Personali Indipendenti

1. *Income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet ta' karattru indipendenti jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat. Iżda, dak il-qligħ jista' fiċ-ċirkostanzi li ġejjin jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

(a) jekk ikollu bażi fiss regolari għad-dispożizzjoni tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-qadi ta' l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ dik il-parti biss mill-*income* tiegħu li hu attribwibbli għal dak il-bażi fiss tista' tiġi intaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal żmien jew żminijiet li fit-total ikunu jġibu jew jaqbżu l-133 ġurnata matul xi perijodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena fiskali involuta; f'dak il-każ, daqstant biss mill-*income* daqskemm ikun miksub mill-attività eżerċitata fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi speċjalment attivitajiet indipendenti xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim kif ukoll attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

ARTIKLU 15

Servizzi Personali Dipendenti

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 18 u 19, salarji, pagi u kumpens ieħor bħal dan li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor ikun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun qiegħed fl-Istat l-ieħor għal żmien jew żminijiet li fittotal ma jkunux aktar minn 183 ġurnata matul xi perijodu ta' tnax-il xahar li jibda jew itemm fis-sena fiskali involuta, u

(b) il-kumpens ikun imħallas minn, jew f'isem, prinċipal li jkun residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi, u

(ċ) dak il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, kumpens miksub dwar impieg eżerċitat abbord bastiment, jew inġenji ta' l-ajru imħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti jista' jkun taxxabbli fl-Istat Kontraenti li tiegħu l-impriża li tħaddem il-bastiment jew inġenji ta' l-ajru tkun residenti sakemm dak il-kumpens ikun suġġett għat-taxxa f'dak l-Istat Kontraenti.

Meta residenti tad-Danimarka jikseb kumpens dwar impieg eżerċitat abbord xi inġenji ta' l-ajru mħaddem fi traffiku internazzjonali mill-*consortium* Scandinavian Airlines Systems (SAS), dak il-kumpens għandu jkun taxxabbli biss fid-Danimarka.

ARTIKLU 16

Drittijiet tad-Diretturi

Id-drittijiet u ħlasijiet simili oħra tad-diretturi li jinkisbu minn residenti ta'Stat Kontraenti fil-kariga tiegħu bħala membru tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

ARTIKLU 17

Artisti u Sportivi

1. B'dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 14 u 15, *income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew mużiċisti, jew bħala sportiv, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Meta *income* dwar l-attivitajiet personali eżerċitati minn wieħed li jagħti spettaklu jew sportiv bħala hekk jinqala' mhux minn dak li jagħti spettaklu jew minn sportiv innifsu imma minn persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn l-attivitajiet ta' dak li jagħti spettaklu jew ta' l-isportiv jiġu eżerċitati.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal *income* miksub minn attivitajiet imwettqa fi Stat Kontraenti minn artisti jew sportivi jekk il-mawra f'dak l-Istat tkun sostanzjalment sostnuta mill-fondi pubbliċi ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu.

ARTIKLU 18

Pensjonijiet u Ħlasijiet Simili

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 19, kull pensjoni, annwalita u rimunerazzjoni oħra simili li titħallas lil residenti ta' Stat Kontraenti għandha tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, ħlasijiet riċevuti minn individwu, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, li jsiru taħt il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew taħt kull skema oħra mill-fondi magħmulin minn dak l-Istat l-ieħor jew minn qasam politiku jew awtorità lokali tiegħu, għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat l-ieħor.

3. Fil-każ ta' individwu li kien residenti ta' Stat Kontraenti u li jkun sar residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx jolqtu l-jedd ta' l-Istat l-ewwel imsemmi taħt il-liġijiet nazzjonali tiegħu li jintaxxaw pensjonijiet, annwalitajiet u kull kumpens ieħor bħal dak dovuti lil dak l-individwu minn għejjun ġewwa dak l-istat.

4. Il-frażi "annwalitajiet" tfisser ammonti dikjarati li jitħallsu perjodikament fi żminijiet dikjarati, sew waqt il-ħajja ta' bniedem sew waqt perijodu ta' żmien speċifikat u aċċertabbli, taħt obbligu li jsiru l-ħlasijiet b'kumpens għal korrispettiv sħiħ u adegwat fi flus jew valur ta' flus.

ARTIKLU 19

Servizz tal-Gvern

1. (a) Salarji, pagi u kull rimunerazzjoni bhalhom, barra minn pensjoni, imħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sotto-diviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sotto-diviżjoni jew awtorità tiegħu tista' tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dawk is-salarji, pagi u kull rimunerazzjoni bhalhom tkun tista' tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat li:

(i) ikun nazzjonali ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat sabiex unikament jaqdi dawk is-servizzi.

2. (a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li toħroġ minn fond maħluq minn Stat Kontraenti jew sotto-diviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sotto-diviżjoni jew awtorità tiegħu tista' tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dik il-pensjoni tkun tista' tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti u nazzjonali ta' dak l-Istat.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 15, 16, 17 u 18 għandhom japplikaw għal salarji, pagi u kull rimunerazzjoni bhalhom, u għal pensjonijiet, dwar servizzi mogħtija dwar negozju mmexxi minn Stat Kontraenti jew minn sotto-diviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu.

ARTIKLU 20

Studenti

Kull ħlas li, student jew apprendist kummerċjali li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun qiegħed f'dak l-ewwel Stat imsemmi unikament bil-għan ta' l-edukazzjoni jew tat-taħriġ tiegħu, jirċievi bil-għan tal-manteniment, edukazzjoni jew taħriġ tiegħu m'għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat, sakemm kull ħlas għal dak jitnissel minn għejjun barra dak l-Istat.

ARTIKLU 21

Attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' *Surveys* Preliminari, l-Esplorazzjoni jew l-Estrazzjoni ta' Idrokarburi

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 5 u 14, residenti ta' Stat Kontraenti li jiġġestixxi attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' *surveys* preliminari, l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni ta' idrokarburi li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin jiġġestixxu għar-rigward ta' dawk l-attivitajiet negozju f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti jew li jkunu qegħdin iwettqu servizzi personali indipendenti minn bażi fissa sitwata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu japplikaw meta l-attivitajiet jiġu ġestiti għal perijodu jew perijodi li ma jkunux ta' iktar minn 30 ġurnata b'kollox f'perijodu ta' tnax-il xahar li jkun. Madankollu għall-fini ta' dan il-paragrafu, dawk l-attivitajiet li jiġu ġestiti minn impriża li tkun assoċjata ma' impriża oħra fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artiklu 9 għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin jiġu ġestiti mill-impriża li din tkun assoċjata magħha jekk dawk l-attivitajiet relattivi ikunu fis-sustanza tagħhom l-istess bħal dawk ġestiti mill-impriża l-aħħar imsemmija.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, attivitajiet ta' rigs tat-tħaffir li jsiru 'l hinn mix-xtut għandhom jikkostitwixxu stabbiliment permanenti biss jekk dawk l-attivitajiet jiġu ġestiti għal perijodu jew perijodi ta' aktar minn 183 ġurnata b'kollox f'perijodu ta' tnax-il xahar li jkun. Madankollu, għall-fini ta' dan il-paragrafu, dawk l-attivitajiet ġestiti minn impriża li tkun assoċjata ma' impriża oħra fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artiklu 9 għandhom jitqiesu li jkunu qegħdin jiġu ġestiti mill-impriża li din tkun assoċjata magħha jekk dawk l-attivitajiet relattivi jkunu fis-sustanza tagħhom l-istess bħal dawk ġestiti mill-impriża l-aħħar imsemmija.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 13, kull qligħ kapitali fuq rigs għat-tħaffir użati għal attivitajiet, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 3, li jitqiesu li jkunu miksuba minn residenti ta' Stat Kontraenti meta dawk l-attivitajiet ma jibqgħux ikunu suġġetti għat-taxxa fl-Istat Kontraenti l-ieħor, għandu jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat l-ieħor. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, il-frażi "qligħ kapitali" tfisser dak l-ammont li bih il-valur fis-suq fil-waqt tat-trasferiment ikun jeċċedi l-valur residwu f'dak il-waqt, kif miżjud b'kull deprezzament ikkunsidrat.

ARTIKLU 22

Income ieħor

1. Oġġetti ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma humiex trattati fl-Artikli ta' qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 6, jekk min jirċievi dak l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi fiss li jkun jinsab f'dak l-Istat, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikollu x'jaqsam b'mod effettiv ma' dak l-istabbiliment jew bażi fiss. F'dak il-każ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

ARTIKLU 23

Tneħħija ta' Taxxa Doppja

It-taxxa doppja għandha tiġi mneħħija kif ġej:

1. Fil-każ tad-Danimarka:

(a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (ċ), meta residenti tad-Danimarka jikseb *income* li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta, id-Danimarka għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, ammont li jkun ekwivalenti għat-taxxa fuq l-*income* li titħallas f'Malta;

(b) dak it-tnaqqis ma għandux, madankollu, ikun jeċċedi dik il-parti mit-taxxa fuq l-*income*, hekk kif maħduma qabel ma jingħata t-tnaqqis, li tkun attribwibbli għall-*income* li jista' jiġi intaxxat f'Malta;

(ċ) meta residenti tad-Danimarka jikseb *income* li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, għandu jkun taxxabbli biss f'Malta, id-Danimarka tista' tinkludi dan l-*income* fil-bażi ta' taxxa, iżda għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* dik il-parti mit-taxxa fuq l-*income* li tkun attribwibbli għall-*income* miksub minn Malta.

2. Fil-każ ta' Malta:

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar l-għoti bi kreditu għat-taxxa ta' Malta dwar taxxa li titħallas barra minn Malta, fejn, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun fid-Danimarka, it-taxxa tad-Danimarka li titħallas dwar dak l-*income* għandha tingħata bi kreditu għat-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas dwarhom.

ARTIKLU 24

Limitazzjoni ta' Ħelsien

1. Meta taħt xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim *income* għandu jinħeles mit-taxxa fi Stat Kontraenti u, skond il-liġi li tkun fis-seħħ fl-Istat Kontraenti l-ieħor, persuna, għar-rigward ta' dak l-*income* tkun suġġetta għat-taxxa b'referenza għall-ammont tiegħu li jingħadda jew li jiġi riċevut f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor u mhux b'referenza għall-ammont sħiħ tiegħu, għaldaqshekk il-ħelsien li għandu jingħata taħt dan il-Ftehim fl-Istat l-ewwel imsemmi għandu jkun japplika biss għal daqstant mill-*income* daqskemm jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw għal persuni li għandhom jedd għal xi benefiċċji tat-taxxa speċjali taħt:

(a) xi liġi ta' xi wieħed mill-Istati Kontraenti li tkun ġiet identifikata fi Skambju ta' Noti bejn l-Istati Kontraenti; jew

(b) xi liġi li fis-sustanza tagħha tkun bħalha u li tkun saret liġi wara.

ARTIKLU 25

Ebda Diskriminazzjoni

1. Nazzjonali ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li għandha x'taqsam magħha, li ma tkunx jew li tkun ta' piż aktar mit-tassazzjoni u ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għalihom nazzjonali ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari dwar ir-residenza tagħhom, huma jew jistgħu jkunu suġġetti. Din id-dispożizzjoni għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 1, tkun tapplika wkoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti.

2. Persuni apolidi li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti ma għandhomx ikunu suġġetti f'xi wieħed mill-Istati Kontraenti għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li jkollha x'taqsam mat-tassazzjoni li tkun ta' piż divers jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u l-ħtiġiet relatati li għalihom iċ-ċittadini ta' l-Istat li jkunu involuti fl-istess ċirkostanzi, b'mod partikolari dwar ir-residenza tagħhom, ikunu jew jistgħu jiġu suġġetti.

3. It-tassazzjoni fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandhiex tingħabar f'dak l-Istat l-ieħor b'mod inqas favorevoli mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi f'dak l-Istat l-ieħor li jmexxu l-istess attivitajiet. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tiftiehem bħala li tobbliga Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowance* personali, ħelsien u tnaqqis għal għanijiet ta' taxxa minħabba fl-istatus ċivili jew responsabbiltajiet tal-familja li soltu jikkonċedi lir-residenti tiegħu.

4. Hlief meta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 9, tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 11 jew tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 12 ikunu japplikaw, kull mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jsiru minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom bil-għan li jiġi stabbilit il-qligħ taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet daqslikieku kienu thallsu lil residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun proprjetà ta' jew ikkontrollat minn, għal kollox jew f'parti, direttament jew indirettament, residenti wieħed jew aktar ta' l-Istat l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li għandhom x'jaqsmu magħha li tkun oħra jew ta' aktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li impriżi oħra bħalhom ta' l-Istat l-ewwel imsemmi huma jew jistgħu jkunu suġġetti għalihom.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw għal dawk it-taxxi li hemm fil-qofol ta' dan il-Ftehim.

ARTIKLU 26

Proċedura għal Ftehim Reċiproku

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn iwasslu jew jistgħu jwasslu li tiġi intaxxata mhux skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hija tista', minkejja r-rimedji provduti bil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, tippreżenta l-każ tagħha lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu hija residenti jew, jekk il-każ tagħha jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 25, lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tagħha tkun nazzjonali. Il-każ għandu jiġi preżentat fi żmien tlett snin minn l-ewwel notifika ta' l-azzjoni riżultanti f'tassazzjoni li ma tkunx skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

2. L-awtorità kompetenti għandha tara, jekk l-oġġezzjoni tidhrilha li tkun waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tiddeċiedi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni mhux skond dan il-Ftehim. Kull ftehim milhuq għandu jitwettaq minkejja kull preskrizzjoni ta' żmien fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jaraw li jirrisolvu bi ftehim reċiproku xi diffikultajiet jew dubbji li jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien għall-eliminazzjoni ta' taxxa doppja f'każijiet li dwarhom m'hemm xejn provdut fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin, inkluż permezz ta' kummissjoni konġunta li tkun magħmula minnhom infushom jew mir-rappreżentanti tagħhom, bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar kif hemm fil-paragrafi ta' qabel.

ARTIKLU 27

Tibdil ta' Informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jibdlu dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti dwar taxxi milquta bil-Ftehim safejn it-tassazzjoni ma tmurx kontra l-Ftehim. Il-bdil ta' informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artiklu 1. Kull informazzjoni li tasal għand Stat Kontraenti għandha titqies sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha titgħarraf biss lil persuni jew awtoritajiet (magħduda qrati u korpi amministrattivi) imdaħħla fl-istima jew ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew il-qtugħ ta' appelli dwar, it-taxxi li jaqgħu taħt il-Ftehim. Dawn il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw l-informazzjoni għal dawk l-għanijiet biss. Huma jistgħu jikxfu dik l-informazzjoni fi proċedimenti li jsiru f'qorti pubblika jew f'sentenzi tal-qorti.

2. F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 jitqiesu li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jieħu miżuri amministrattivi li ma jaqblux mal-liġijiet jew l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet tal-kummerċ, tan-negozju, industrijali, kummerċjali jew professjonali jew proċess tal-kummerċ, jew li jagħti informazzjoni li l-kxif tagħha jkun kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

ARTIKLU 28

Membri ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Karigi Konsulari

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' karigi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

ARTIKLU 29

Estensjoni Territorjali

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi estiż, sew fis-sħuħija tiegħu jew b'kull tibdil meħtieġ, għal kull parti tat-territorju tad-Danimarka li hi speċifikament eskluża mill-applikazzjoni tal-Ftehim u li timponi taxxi sostanzjalment simili fix-xorta tagħhom għal dawk li dwarhom japplika l-Ftehim. Kull estensjoni bħal dik għandha tibda sseħħ minn dik id-data u suġġetta għal kull tibdil u kondizzjoni bħal dawk, inklużi kondizzjonijiet dwar

it-terminazzjoni, hekk kif jista' jiġi speċifikat u miftiehem bejn l-Istati Kontraenti f'noti li jiskambjaw bejniethom permezz tal-kanali diplomatiċi.

2. Kemm-il darba ma jiġix miftiehem mod ieħor bejn iż-żewġ Stati Kontraenti, it-terminazzjoni tal-Ftehim minn xi wieħed minnhom taħt l-Artiklu 31 għandha wkoll ittemm, bil-mod hemm provdut f'dak l-Artiklu, l-applikazzjoni tal-Ftehim għal kull territorju li jkun ġie estiż għalih taħt dan l-Artiklu.

ARTIKLU 30

Bidu fis-Seħħ

1. Il-Gvernijiet ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin, permezz tal-kanali diplomatiċi, li jkunu twettqu l-ħtiġiet legali sabiex dan il-Ftehim jibda jseħħ.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ fid-data ta' l-aħħar wieħed mill-avviżi msemmija fil-paragrafu 1 u d-dispożizzjonijiet tiegħu hekk ikollhom effett:

(a) fid-Danimarka:
dwar taxxi għas-sena ta' *income* li tiġi minnufih wara dik is-sena li fiha jibda jseħħ il-Ftehim u snin ta' *income* sussegwenti;

(b) f'Malta:
dwar taxxi fuq *income* miksub matul xi sena kalendarja jew perijodu ta' kontijiet, skond il-każ, li jibda fi jew wara l-ewwel ta' Jannar li jiġi minnufih wara d-data li fiha l-Ftehim jibda jseħħ.

ARTIKLU 31

Terminazzjoni

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi terminat minn Stat Kontraenti. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' jtemm il-Ftehim, permezz ta' skambju diplomatiku, billi jagħti avviż tat-terminazzjoni mill-anqas sitt xhur qabel it-tmiem ta' xi sena kalendarja li tkun tibda wara li jintemm perijodu ta' ħames snin mid-data meta l-Ftehim ikun beda jseħħ. F'dak il-każ, il-Ftehim ma għandux jibqa' jseħħ:

(a) fid-Danimarka:

dwar taxxi għas-sena ta' *income* li tiġi minnufih wara dik is-sena li fiha jingħata l-avviż tat-terminazzjoni u snin ta' *income* sussegwenti;

(b) f'Malta:
dwar taxxa fuq l-*income* miksub matul xi sena kalendarja jew perijodu ta' kontijiet, skond il-każ, li jibdew fl-ewwel jum ta' Jannar jew wara li jiġi minnufih wara d-data li fiha jingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL induplikat ġewwa Brussels illum it-tlettax il-jum ta' Lulju, 1998, fl-ilsien Ingliż.

OLE PHILIPSON	VICTOR CAMILLERI
Għall-Gvern tar-Renju tad-Danimarka	Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta

PROTOKOLL

Meta kien qed jiġi ffirmat il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta għall-ħelsien mit-taxxa doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxa fuq l-*income*, is-sottoskritti qablu li dan il-provdiment li ġej għandu jkun parti sħiħa mill-Ftehim:

Għar-rigward tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 13, qiegħed jiġi mifhum li l-qligħ kapitali msemmija f'dak il-provdiment jistgħu biss jiġu intaxxati fl-Istat fejn is-sid ikun residenti, ukoll meta l-bastiment jew inġenji ta' l-ajru jkun qed jithaddem minn residenti ta' Stat iehor.

B'xiehda ta' dan is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul in duplikat ġewwa Brussels illum it-tlettax il-jum ta' Lulju, 1998, fl-ilsien Ingliż.

OLE PHILIPSON	VICTOR CAMILLERI
Għall-Gvern tar-Renju tad-Danimarka	Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta

SKAMBJU TA' NOTI

L-Eċċellenza Tiegħu Victor Camilleri
Ambaxxatur ta' Malta
Rue Jules Lejeune 44
1050 Brussels

13 ta' Lulju, 1998

Eċċellenza Tiegħek,

Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim, iffirmat illum, u li nipproponi f'isem il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka illi:

B'referenza għall-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 24, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx ikunu japplikaw għall-persuni li jkollhom jedd għal:

(i) xi benefiċċju fit-taxxa speċjali taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330), ħlief għal dawk il-persuni li jagħżlu taħt l-artikolu 41 ta' dak l-Att li jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet normali ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) u ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; jew

(ii) xi eżenzjoni jew xi benefiċċju fit-taxxa speċjali taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, kif emendat. Iżda, dan ma japplikax għal *income* li jkun suġġett għat-taxxa fuq l-*income* normali ta' Malta; jew

(iii) xi benefiċċju ta' taxxa speċjali dwar it-tqassim li jsir minn *trust* suġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-*Trusts Act* billi *trust* kif stabbilit f'dak l-Att mhix vestita b'personalità ġuridika u għalhekk ma tistax tibbenefika taħt il-Ftehim b'jedd tagħha nnifisha, jew

(iv) xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt xi liġi li tkun sostanzjalment simili li tkun saret liġi wara u li jkun hemm ftehim dwarha mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala li hi inkluża fil-provdimenti tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 24.

Jekk il-proposti ta' hawn aktar qabel huma aċċettabbli għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, għandi l-unur nissuġġerixxi li din in-Nota u r-risposta ta' l-Eċċellenza Tiegħek f'dak is-sens għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu qbil bejn iż-żewġ Gvernijiet dwar din il-kwistjoni, li għandu jibda jseħħ fl-istess waqt tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim.

Niehu l-opportunità li nestendi lill-Eċċellenza Tiegħek kull assikurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

B 996

AMBAXXATA TA' MALTA
MISSJONI TA' MALTA
GĦALL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ

L-Eċċellenza Tiegħu Ole Philipson
Ambaxxatur tad-Danimarka
Avenue Louise 221
1050 Brussels

SKAMBJU TA' NOTI

Brussels 13 ta' Lulju, 1998

Eċċellenza Tiegħek,

Għandi l-unur nirrikonoxxi li waslitli n-Nota ta' l-Eċċellenza Tiegħek ta' llum li tiddikjara dan li ġej:

"Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim, iffirmat illum, u li nipproponi f'isem il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka illi:

B'referenza għall-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 24, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx ikunu japplikaw għall-persuni li jkollhom jedd għal:

(i) xi benefiċċju fit-taxxa speċjali taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330), ħlief għal dawk il-persuni li jagħżlu taħt l-artikolu 41 ta' dak l-Att li jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet normali ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) u ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; jew

(ii) xi eżenzjoni jew xi benefiċċju fit-taxxa speċjali taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, kif emendat. Iżda, dan ma japplikax għal *income* li jkun suġġett għat-taxxa fuq l-*income* normali ta' Malta; jew

(iii) xi benefiċċju ta' taxxa speċjali dwar it-tqassim li jsir minn *trust* suġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-*Trusts Act* billi *trust* kif stabbilit f'dak l-Att mhix vestita b'personalità ġuridika u għalhekk ma tistax tibbenefika taħt il-Ftehim b'jedd tagħha nnifisha, jew

(iv) xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt xi liġi li tkun sostanzjalment simili li tkun saret liġi wara u li jkun hemm ftehim dwarha mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala li hi inkluża fil-provdimenti tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 24.

Jekk il-proposti ta' hawn aktar qabel huma aċċettabbli għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, għandi l-unur nissuġġerixxi li din in-Nota u r-risposta ta' l-Eċċellenza Tiegħek f'dak is-sens għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu qbil bejn iż-żewġ Gvernijiet dwar din il-kwistjoni, li għandu jibda jseħħ fl-istess waqt tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim."

Billi dawn il-proposti ta' hawn aktar qabel huma aċċettabbli għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, għandi l-unur nikkonferma li n-Nota ta' l-Eċċellenza Tiegħek u din ir-risposta għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu qbil bejn iż-żewġ Gvernijiet fuq din il-kwistjoni, u dan għandu jibda jseħħ fl-istess żmien bħalma jibda jseħħ il-Ftehim.

Nieħu l-opportunità li nestendi lill-Eċċellenza Tiegħek kull assikurazzjoni ta' l-oġħla stima tiegħi.

VICTOR CAMILLERI

Ambaxxatur